**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 406/22 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 741/1992)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992). (Dok A).

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal - E li twieled fis-16 ta' Gunju tas-sena 1994, F li twieled fit-22 ta' Dicembru tas sena 1997 u G li twieldet fid-19 ta' Mejju 2001.

3. Illi l-imsemmija konjugi nfirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003). (Dok B - Kuntratt ta' Separazzjoni).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilijazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi llum il-gurnata, s-subien E li ghandu tmienja u ghoxrin (28) u F li ghandu erbgha u ghoxrin (24), it-tnejn jahdmu, filwaqt li G, li ghandha wiehed u ghoxrin sena (21) bi hsiebha taghmel Masters Degree fl-Universita' ta' Malta.

6. Illi l-esponent dejjem ottempera ruhu mal-kuntratt ta' separazzjoni u bhalissa jhallas lil martu hames mitt euro (€500.00) fix-xahar ghal dak li huwa manteniment, u ma hemm l-ebda arretrati jew pendenzi bejn il-kontendenti.

7. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16), huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l konjugi ilhom separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ghal iktar minn sena, mhux mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Bir-rispett illi a tenur disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16), previa s-smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C Kapitolu 16, ukoll sabiex jigi stabilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal Kodici Civili (Kap16).

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Settembru 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom  legalment separati mit-8 ta' Mejju 2003.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.